MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-8 ta' Novembru, 2011

Numru. 251/2008

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR ANNE MARIE MICALLEF**

**KONTRA**

**OMISSIS;**
**JANICA MIFSUD ta' 27 sena, bint Carmel u Vincenza nee' Mamo, imwielda Tal-Pieta' nhar l-24.03.1984, minghajr indirizz fiss, u detentrici tal-karta tal-identita' numru 177984M;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Janica Mifsud** li giet akkuzata talli nhar il-25 ta' Marzu, 2008, ghall-habta tal-hamsa u nofs ta' wara nofsinhar (17.30hrs), minn residenza Elecampane, li hija sitwata fi Triq Ant Schembri, San Gwann:

1. Ikkommettiet serq ta' oggetti, u cioe' ta' zewg cilindri tal-gas liema serq huwa kkwalifikat bil-lok, sar ghad-detriment ta' Maria Rosaria Cassar, u/jew ta' persuni ohra, u dan bi ksur tal-Artikolu 269 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli bil-hsara tas-sid jew tad-detentur, ghamlet vjolazzjoni ohra kontra l-proprjeta' ta' haddiehor, u dan bi ksur tal-Artikolu 340 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli f'dawn il-Gzejjer, nhar is-26 ta' Marzu, 2008 u fil-granet ta' qabel:

3. Saqet vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAO 394, tal-ghamla Seat, minghajr ma kienet licenzjata mill-awtorita' dwar it-Trasport ta' Malta, biex tintuza fit-triq (licenzja mhux rinovata);

4. U aktar talli saqet vettura bin-numru tar-registrazzjoni BAO 394 tal-ghamla Seat minghajr ma kienet koperta b'polza tas-sigurta' dwar ir-riskji tat-terzi persuni.

Rat illi l-imputata wiegbet li ma kinitx hatja ta' l-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha..

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, kif ukoll illi l-imputata ma kellha ebda oggezzjoni dwar l-istess.

Rat u semghet ix-xhieda ta' Maria Rosaria Cassar, proprjetarja tat-tankijiet tal-gas, li giet misruqa mill-front porch taghha. Din ix-xhud kienet certa fil-fatt li t-tankijiet tal-gas hi halliethom qabel ma harget mid-dar fil-parapett bejn il-bieb ta' barra u l-gate tal-hadid. Il-gate skondtha kienet maghluqa bil-katnazz. Meta waslet id-dar rat karozza Seat Marbella bin-numru tar-registrazzjoni BAO. Minn din il-karozza hareg ragel zghazugh li kien fuq il-

bankina jdawwar ic-cilindri ghal gol-vettura ndikata. Xehdet illi n-numru tal-vettura hi tatu lill-pulizija. Indikat liz-zewg imputati bhala t-tnejn li kienu prezenti fil-karozza, ghalkemm aktar tard fix-xhieda qalet illi dwar din ma kinitx mija fil-mija certa ghax kien ghadda z-zmien. Oltre dan xehdu l-pulizija li rrintraccaw il-vettura allegatament involuta li kienet tghajjat fil-fatt lil Janica Mifsud.

Xehdu wkoll ufficjali tal-Probation dwar il-problema li kellha Janica fil-konfront tad-droga, dwar id-diffikultajiet li kellha biex tifhem il-problemi li kienet fihom, u l-progress li bil-mod kienet qieghda taghmel.

Ghazlet biex tixhed minn jeddha l-istess Janica Mifsud, li ammettiet sa certu punt l-involviment taghha biex jittiehdu dawn it-tankijiet tal-gas, pero ziedet, anzi biddlet, illi dawn kienu barra fit-triq mhux wara l-gate. Ammettiet ukoll illi pero din it-triq kienet wahda residenzjali.

Illi in vista’ ta dak premess, din il-Qorti qieghda ssib htija fil-konfront ta’ l-ewwel u t-tieni akkuza, wara li rat l-Artikoli 261, 269, 340 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta (in kwantu ghall-hsara li saret fil-katnazz biex infethet il-gate).

Tilliberaha mill-effetti tar-reati taht il-Kapitolu 65 u 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, in kwantu mkien ma gie ppruvat li Janica Mifsud saqet il-vettura in kwistjoni.

Dwar il-piena, rat l-andament taghha fil-mori ta’ dawn il-proceduri, rat ukoll il-fedina penali taghha, u tordna li titqieghed taht Ordni ta’ Probation ghal zmien sentejn(2) ai termini ta’ l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta; Tahtar ghal dan l-iskop lill-ufficjal tal-Probation Services Marilyn Attard, b’dan illi Janica Mifsud ghandha tobdi b’mod skurpoluz kull direttiva lilha moghtija mill-ufficjal tal-Probation mahtura, aktar u aktar fejn jirrigwardja kull problema li hija ghandha fil-konfront tal-vizzju tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------